MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 252/2006

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-2 ta’ Awwissu, 2006 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett:

1. Illi l-kontendenti żżewġu fl-erbatax (14) ta’ Ġunju tas-sena elf disa’ mija sebgħa u disgħin (1997) fil-Knisja ta’ San Franġisk, Birkirkara, u ż-żwieġ tagħhom ġie reġistrat

fir-Reġistru Pubbliku bin-numru ta’ l-iskrizzjoni tmien mija u ħamsa u disgħin tas-sena elf disa’ mija sebgħa u disgħin (895/1997) (Dokument A);

2. Illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha;

3. Illi inoltre, il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta’ xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa;

4. Illi minħabba r-raġunijiet premessi u raġunijiet oħra kontemplati fl-Att Dwar iż-Żwieġ (Kap. 255), iż-żwieġ bejn il-kontendenti kien null u bla effett legali.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. tiddikjara u tiddeċiedi li ż-żwieġ kuntrattat bejn il-kontendenti fl-14 ta’ Ġunju tas-sena 1997 kien null u bla effett legali.

2. konsegwentement tordna li dina n-nullita’ tiġi reġistrata fuq l-att taż-żwieġ relattiv.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li tibqa’ nġunta minn issa għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fit-23 ta’ Frar, 2007 li permezz tagħha l-konvenuta B esponiet bir-rispett u bil-ġurament tagħha kkonfermat:

1. Illi l-esponenti taqbel illi l-kontendenti żżewġu fl-erbatax

(14) ta’ Ġunju tas-sena 1997 fil-Knisja ta’ San Franġisk f’Birkirkara u ż-żwieġ tagħhom ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku bin-numru ta’ l-iskrizzjoni 895/1997;

2. Illi l-esponenti taqbel ukoll illi l-kontendenti ilhom legalment separati mill-ħmistax (15) ta’ Frar tas-sena 2000;

3. Illi l-esponenti taqbel li ż-żwieġ bejn il-partijiet huwa null u bla effett legali iżda u dan għal raġunijiet unikament imputabbli lill-attur u mhux imputabbli lilha kif allegat mill-attur u għaldaqstant l-esponenti ma għandhiex tbati l-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavits ta’ l-attur u tal-konvenuta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ Ġunju, 2007 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fl-1997 a bażi ta’ l-artiklu 19 (1) (ċ) u (d) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta’ Malta. Il-konvenuta taqbel li ż-żwieġ għandu jiġi dikjarat null (anke jekk għal raġunijiet imputabbli lill-attur), iżda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; “*F’materja ta’ żwieġ illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b’hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew*

*responsabilita' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubbju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika anke f'każ ta' ammissjoni.

L-artikoli ċitati mill-attur jirrigwardjaw;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti ikun inkiseb b'esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħuu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.

Il-Qorti hija tal-fehma illi anke mill-provi mressqa f'din l-kawża jidher ċar li d-divarju li jeżisti bejn il-mod kif jaħsbu l-partijiet. Fil-waqt li l-attur kellu ideja taż-żwieġ, il-konvenuta kellha ideja oħra u wieħed jista' jgħid li ż-żwieġ kien kundannat mill-bidu tiegħu tant illi wara ftit ġranet anke l-intimita' bejn il-partijiet naqset u sfat fix-xejn. Il-konvenuta tammetti li riedet toħroġ minn dar missierha minħabba l-mod kif dan kien jikkontrolla ħajjitha u l-ħajja ta' dawk kollha li kienu d-dar – fuq dan għall-inqas il-partijiet jaqblu. L-attur pero' jgħid li l-konvenuta ma kienet tagħmel xejn id-dar u da parti tagħha l-konvenuta tgħid li l-attur ried seftura u mhux

mara – probabbli li s-sewwa qegħda fin-nofs. Hu ċar għall-Qorti pero' li jirriżultaw l-estremi taħt is-sub-inċiż (d) biex iż-żwieġ jiġi dikjarat null.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba tal-attur u tiddikjara null iż-żwieġ bejn il-kontendenti kontrattat fl-14 ta' Ġunju, 1997 u tordna li fl-att relattiv jiġi annotat dan; l-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-kontendenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------